MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 307/2008

**Talba Nru: 307/2008VGD**

Charles Grech & Co Limited (C2473)

Vs

Joanne Baldacchino (Id. 561375M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1693.22), ekwivalenti ghal Lm726.90 rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata. U peress illi l-konvenuta giet debitament imterpellata sabiex thallas dan l-ammont izda

baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tas-27 ta' Awissu 2007, u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Marzu 2004, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1693.22), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------